# tereża

Rivista Enċiklopedika ta' Spiritwalità

Maħruġa mill-Familja Karmelitana Tereżjana

Jannar - April 2017
Sena 14  Ħarġa 1

*F'din il-Ħarġa*

---

Ħarġa 1


Daħla 5

Amoris Laetitia: id-dixxerniment fil-qalba tal-metodu pastorali ta' Papa Franġisku 7
*Joseph Galea Curmi*

Il-Mistika ta' San Franġisk u l-Kantiku tal-Ħolqien fl-Enċiklika Laudato Si 25
*Silvester Magro ofmcap*

Neo-Liberaliżmu kif jinħass illum fil-ħajja Nisranija Maltija 41
*Joe Camilleri sdc*

Luteru r-riformatur fil-kuntest ta' riformi oħra 49
*Mons. Hector Scerri*

Martinu Luteru (1483-1546) 59
*Dun Nikol Aquilina*

# Luteru r-riformatur fil-kuntest ta' riformi oħra

*Mons. Hector Scerri*
*Viċi-Dekan tal-Fakultà tat-Teoloġija*
*u President tal-Kummissjoni Ekumenika Djoċesana*

Daħla: Għatx għar-riforma

Aħna spiss nieħdu l-iżball meta nqisu li Martin Luteru (1483-1546) kien pijunier fejn tidħol ir-riforma fi ħdan il-Kristjanità. Aktarx li ħafna Kattoliċi mhumiex konxji li Luteru għandu jiġi kkontestwalizzat f'qafas ferm usa' milli aħna nimmaġinaw. Dan għaliex kienu ħafna r-riformaturi li ġew qabel jew fl-istess żmien ta' Luteru. Irridu nifhmu li kien hemm ħafna ċirkustanzi fl-istorja tal-Knisja meta qamu persuni li raw li l-affarijiet ma kenux mexjin sew fil-komunità li waqqaf Ġesù.

Ħafna mir-riformaturi raw aspetti ta' korruzzjoni fil-Knisja. Din kienet tidher f'bosta oqsma fil-ħajja tal-Knisja u l-membri tagħha. Ħa nagħti xi eżempji:

(i) każijiet fejn il-Knisja kienet ħaġa waħda mal-Istat, b'mod u manjiera li s-slaten fl-Ewropa kienu spiss jindaħlu f'materji ekkleżjastiċi, partikolarment fil-ħatra tal-isqfijiet, it-tmexxija tad-djoċesijiet u l-abbaziji u l-għoti tal-benefiċċji ekkleżjastiċi;

(ii) il-ħajja xejn eżemplari ta' xi isqfijiet u saċerdoti prominenti li kienu jgħaddu ħafna minn ħinhom fil-qrati imperjali u rjali mingħajr ma jagħtu importanza lill-ħajja spiritwali tagħhom u l-missjoni pastorali tagħhom; fi kliem ieħor, nafu b'ħafna każi ta' ministri ordnati li kienu jgħixu ħajja ta' prinċpijiet;

(iii) aspetti ta' dekadenza fil-ħajja tal-monaċi fil-monasteri;
(iv) kleru li ma kienx edukat biżżejjed fil-qasam tat-teoloġija u b'nuqqas ta' formazzjoni pastorali u spiritwali;
(v) membri tal-kleru li ma kenux jgħixu ħajja ta' kontinenza sesswali, u apertament jew le, kellhom is-sieħba tagħhom, u f'bosta każijiet, anke wlied;
(vi) il-Poplu ta' Alla, f'bosta postijiet, kienu mitluq għal rieħu, u għalkemm kien jirċievi s-sagramenti, ma kien jirċievi l-ebda tagħlim u katekeżi.

Kien għalhekk li minn żmien għal żmien, nibtu fil-Knisja ta' Kristu bnedmin għatxana għal riforma awtentika. Biżżejjed insemmu r-Riforma Gregorjana mwettqa mill-Papa San Girgor VII (li kien Papa bejn l-1073 u l-1085). Din ir-riforma kbira kellha ħafna aspetti pożittivi, fosthom l-emfasi fuq l-integrità morali u l-indipendenza tal-kleru mis-setgħat temporali, il-projbizzjoni tal-investitura lajkali u l-kundanna tas-simonija.

Però, is-sitwazzjoni ma damitx ma reġgħet lura għal dak li kienet qabel. Kienu bosta persuni li raw li l-affarijiet ma kenux sejrin sew, u xtaqu bis-sħiħ li jkunu aħjar. Il-problema li spiss kienet tqum kienet li dawn ir-riformaturi riedu jġibu bidla fil-Knisja billi joħolqu Knisja oħra permezz ta' firda mill-Knisja ta' Kristu. Bil-Malti aħna nużaw l-espressjoni familjari meta ngħidu, "tħott Knisja biex tibni oħra".

Hawnhekk ta' min insemmu figura li tispikka – *Pietru Waldo* (ċ.1140-1217, magħruf ukoll bħala Pierre Vaudès jew de Vaux jew Valdo). Dan kien riformatur bikri Franċiż. Huwa kien negozjant sinjur fil-belt ta' Lyons, imma wara l-mewt ta' ħabib tiegħu, iddeċieda li jagħti ġidu kollu lill-foqra u jiddedika ħajtu – għalkemm mingħajr ebda mandat mill-isqof, u filwaqt li baqa' lajk – għall-predikazzjoni. Huwa kellu skop tajjeb, u saħansitra kien strumentali biex parti mill-Bibbja kienet tradotta għall-ilsien tan-nies fejn kien jgħix. L-Arċisqof ta' Lyons keċċa lil Pietru u s-segwaċi tiegħu, imsejħin "il-Foqra ta' Lyons", u aktar tard "il-Foqra tal-Lombardija" u "l-Foqra ta' Alla". Dawn fittxew il-protezzjoni tal-Papa. Il-Konċilju Lateran III (1179) approva l-għażla tal-faqar li għamel Waldo, imma pprojbielu li jipprietka. Waldo ma obdiex, u għalhekk kien ikkundannat kemm mis-Sinodu ta' Verona (1184) u mill-Konċilju Lateran IV (1215). L-għanijiet ta' Waldo u l-moviment riformista li nġabar madwaru kienu ċ-ċentralità tal-Kelma ta' Alla, l-importanza tal-faqar evanġeliku, is-sempliċità bħala espressjoni

tad-dixxipolat Nisrani u l-kundanna ta' ċert eċċessi tal-Papat. Fihom infushom, dawn kienu passi fid-direzzjoni tajba, però Waldo webbes rasu u nqata' mill-Knisja.

Huwa essenzjali li nisħqu wkoll li kien hemm riformaturi li ġabu qawmien ġdid fil-Knisja billi baqgħu fi ħdan il-Knisja. Biżżejjed insemmu qaddisin kbar bħal *San Franġisk ta' Assisi* (1182-1226) u *San Duminku* (1170-1221). Dawn, iva, raw il-korruzzjoni fil-Knisja, u għamlu minn kollox – partikolarment permezz tal-Ordnijiet reliġjużi li waqqfu fil-bidu tas-seklu tlettax – biex jagħtu nifs ġdid lill-Knisja. Dan għamluh billi fakkru saħqu fir-radikalità tal-Evanġelju. San Franġisk saħaq fuq il-faqar evanġeliku, waqt li San Duminku għafas fuq il-predikazzjoni. Il-movimenti spiritwali li huma waqqfu kienu barka minn Alla għall-Knisja. Biżżejjed insemmu l-famuża ħolma li kellu San Franġisk biex jibni l-Knisja mill-ġdid. Għall-bidu huwa ħaseb li l-Mulej riedu jibni knisja tal-ġebel li kienet iġġarrfet minħabba t-telqa, imma eventwalment huwa għaraf li r-rieda ta' Alla għalih kienet li jwassal il-Knisja istituzzjonali biex tinduna li kellha tgħix l-Evanġelju fil-ħajja ta' kuljum fl-istrutturi kollha tagħha.

Fl-1208, San Franġisk għaraf li huwa, u dawk li nġabru miegħu, kienu msejħin biex jgħixu l-Evanġelju "sine glossa", jiġifieri mingħajr interpretazzjonijiet faċli jew komdi. Is-sens ta' dak li hu, u oħrajn bħalu, kien li jgħix *skont il-forma tal-Evanġelju Qaddis.*[1] L-Ordni Franġiskan u l-Ordni Dumnikan kienu strumentali biex il-Knisja ma baqgħetx tiżżerżaq 'l isfel fil-ħama u t-tajn. Fl-istess ħin, irridu wkoll nifhmu li anke fi ħdan l-Ordni Franġiskan kien hemm bżonn ta' direzzjoni ċara u ta' żabra, għax kmieni nibtu fih movimenti ta' riforma li kienu jew esaġerati jew fanatiċi, fosthom l-hekk imsejħa "Spiritwali" u l-"Fraticelli".

Kien f'dan l-istess żmien li niltaqgħu maż-żmien tad-deheb tal-Iskolastika, u li għalhekk kien ifisser sforz enormi biex it-teoloġija tiġi preżentata b'mod ċar u sistematiku. Kien f'dan iż-żmien ukoll li nsibu t-twelid tal-ewwel Universitajiet, fosthom dawk ta' Bologna, Pariġi, Oxford u Cambridge. Dawn kollha bdew b'konnessjoni qawwija ma' nies tal-Knisja, u hemm bdiet tingħata formazzjoni akkademika serja fil-filosofija u t-teoloġija. Dan kien iż-żmien ta' żvilupp pożittiv fil-kamp tal-mistika Nisranija, b'persuni bħal Ġuljana ta' Norwich (ċ.1342-1420) fl-Ingilterra, u l-mistiċi Tedeski u Fjammingi, fosthom Santa Ildegarda ta' Bingen (1098-1179), Nerik Suso (ċ.1290-1366), Meister Eckhart

[1] Ara Andrea Di Maio, "San Bonaventura e la teologia Francescana", f'*Storia della teologia*, Vol. 2, a cura di Giuseppe Occhipinti (Ruma u Bologna: Edizioni Dehoniane, 1996), 59ss.

(ċ.1260-ċ.1328), Ġwanni Tawleru (ċ.1300-1361) u Tumas Kempis (ċ.1380-1471, magħruf għall-*Imitazzjoni ta' Kristu*). Però, in-nifs ġdid li ħadet il-Knisja ma kienx biżżejjed, għaliex fis-sekli ta' wara qamu riformaturi li sfortunatament infirdu mill-Knisja.

Riformaturi fis-seklu erbatax

Il-kriżi li filġet il-Knisja fis-seklu erbatax kienet marbuta mal-kwistjoni tas-soppressjoni tal-Ordni tal-Kavallieri Templari (1312) u l-perjodu li l-Papiet mexxew il-Knisja minn Avignon (1309-1376), fi Franza. Kien hemm żminijiet meta fil-Knisja kien hemm Papa u Anti-papa. Kien żmien meta l-Papat sar ċentralizzat ħafna; kien hemm ukoll korruzzjoni sħiħa fejn jidħlu l-benefiċċji ekkleżjastiċi; kien hemm ħafna abbużi oħra marbutin ma' privileġġi u dispensi. Dan kollu wassal biex xi riformaturi tkellmu b'qawwa dwar il-ħtieġa ta' riforma *in capite et in membris*, jiġifieri riforma tal-Knisja, kemm fir-ras tagħha, kif ukoll fil-membri tagħha.

Kien f'dan il-perjodu li niltaqgħu ma' *Ġwanni Wyclif* (1328-1384) li beda jitħaddet dwar x'inhi u x'għandha tkun il-Knisja. F'dak li beda jgħid u jgħallem dan il-professur fil-kuntest akkademiku Ingliż ġewwa Oxford, naraw għatx għal riforma, ġlieda kontra l-pretensjonijiet dinjija tal-ġerarkija ekkleżjastika, u għajta għal Knisja aktar fqira. Il-ġudizzju ta' Wyclif kien wieħed ċar – l-għajn ta' dan il-mard kollu fil-Knisja kien ġej mis-saċerdoti, tant li hu kiteb: *"Et patet... quoad causa dissensionis et perturbationis ecclesiae sit malitia sacerdotum"*. Dan qalu fit-*Tractatus de Ecclesia*.[2] Meta ra d-dekadenza massiċċa li kienet għaddejja minnha l-Knisja, li fil-fehma tiegħu kienet saret wisq sekulari, Wyclif ma waqafx itambar dwar il-ħtieġa ta' Knisja tassew "spiritwali". Huwa kien jisħaq li ma kellhiex tkun il-ġerarkija li tikkostitwixxi l-pedament tal-Knisja u li ġġib l-għaqda fiha, imma biss l-imħabba ta' Ġesù Kristu. F'dan il-qafas, huwa kien jgħallem li l-Knisja hija realtà eskatoloġika li fi ħdanha mhemmx biss Insara impenjati fuq din l-art fil-ġlieda kontra l-ħażen (*ecclesia militans*), imma anke dawk li qed jissaffew (*ecclesia purgans*) u dawk li qegħdin fil-glorja tal-ġenna (*ecclesia triumphans*).[3]

Wyclif kien jiddistingwi bejn li tkun *tal-Knisja* u li tkun *fil-Knisja*. Għalih kien essenzjali li wieħed ikun membru awtentiku tal-Knisja. Bil-lenti tagħna llum, nistgħu nifhmu l-għala Wyclif kien jitkellem b'dan il-mod. Il-ħasra kienet li Wyclif u d-dixxipli tiegħu komplew jitbiegħdu mill-Knisja, minflok ma fittxew li jidħlu fid-djalogu magħha. Min-naħa

[2] Ara Stefano CAVALLOTTO, "Il problema ecclesiologico: motivi e momenti", f'*Storia della teologia*, Vol. 2, 298.
[3] Ara ibid.

l-oħra, aktarx li fil-Knisja kien hemm ħafna widnejn torox li ma riedux jisimgħu dak li kien qed itenni Wyclif. Kieku ż-żewġ naħat semgħu lil xulxin, kienet iseħħ riforma vera – kontrollata u miftehma – f'dak iż-żmien, u għandu mnejn li dak li Luteru sab ma' wiċċu 140 sena wara kien ikun ferm differenti, tant li ma kienx ikollu għalfejn joħroġ qatta bla ħabel kontra l-Knisja kif fil-fatt ħareġ.

Riformatur ieħor kien *Jan Hus* (1370-1415) mill-qalba tal-Ewropa, fl-art tal-Boemja. Hus, fil-kitba tiegħu *De ecclesia,* prattikament jikkopja l-kitbiet ta' Wyclif, għalkemm f'xi aspetti huwa jitbiegħed minn xi pożizzjonijiet tiegħu. Bħal Wyclif, Hus kien jisħaq li wieħed seta' jkun *fil-Knisja,* imma mhux *tal-Knisja (in ecclesia sed non de ecclesia).* Kien jgħid ukoll li fil-Knisja Universali – Knisja waħda minn żmien Abel sal-aħħar taż-żmien – fl-istess ħin, kien hemm il-ġusti predestinati għas-salvazzjoni kif ukoll dawk li kienu *corpus diaboli.* Dawn iż-żewġ gruppi kienu t-tnejn fid-dinja, imma distinti minn xulxin. Jan Hus kien jistqarr li l-kap u l-pedament tal-Knisja li hi l-ġisem u l-għarusa ta' Kristu mhuwiex Pietru jew il-Papa, imma Kristu biss. Kristu biss jista' jkollu t-titlu ta' Pontefiċi suprem jew Pontefiċi Ruman, għaliex Kristu biss huwa r-ras tal-Knisja Universali u tal-Knisja tal-post (partikulari).[4]

Kien żmien meta seħħet dik li Evanġelista Vilanova Bosch (1927-2005) issejħilha "kriżi tal-kuxjenza ekkleżjoloġika".[5] Din l-għajta trid tiġi inkwadrata fil-kuntest tax-Xiżma l-Kbira tal-Punent (1378-1417), perjodu li fih spiss kien hemm kemm Papa u Anti-papa (bejn Ruma u Avignon), u anke perjodu meta kien hemm tliet Papiet (meta f'Ġunju 1409 kien elett it-tielet Papa f'Pisa). Wieħed jista' biss jimmaġina x'ġabet magħha din is-sitwazzjoni fil-Knisja, fost l-Ordnijiet reliġjużi, fl-Universitajiet u fost il-Poplu ta' Alla. Kien żmien li ra l-bidu tat-teorija konċiljarista, fi kliem ieħor, id-dibattitu biex tinstab tweġiba għall-mistoqsija: Min għandu l-awtorità suprema? Il-Papa jew Konċilju? Minkejja taqlib kbir u inċertezzi, il-Konċilji ta' dak il-perjodu fittxew bis-sħiħ li jqegħdu l-Knisja fuq il-binarji tajbin.

Kien ukoll perjodu ta' qawmien fil-ħsieb permezz ta' dak li jissejjaħ l-Umaneżmu, speċjalment ġewwa l-Italja tas-seklu ħmistax. Hawn insemmu l-kontribut ta' figuri bħal Lorenzo Valla (1407-1457), Marsilio Ficino (1433-1499) u Pico della Mirandola (1463-1494). Wara

4 Ara ibid., 300.

5 Evanġelista Vilanova, *Storia della teologia cristiana,* Vol. 2 (Roma: Borla, 1994), 19. Vilanova kien patri Benedittin tal-monasteru ta' Montserrat u professur tal-Fakultà tat-Teoloġija tal-Katalunja. Espert tal-liturġija u tal-istorja tat-teoloġija.

bosta spostamenti minħabba kontroversji li qamu f'Pavia u postijiet oħra, Valla wera l-kapaċità tiegħu bħala filologu (espert tal-għeruq tal-lingwi) u pijunier tal-istudju kritiku ta' dokumenti storiċi. Dan wasslu biex juri, permezz ta' provi ċari, li ċerti dokumenti ma kenux awtentiċi. Ficino, li kien filosfu, ta importanza lil Platun, tant li qal li l-filosofija ta' dan ma kenitx għajr rielaborazzjoni mdawla tar-rivelazzjoni divina (*prisca theologia*). Pico della Mirandola ġab 'il quddiem l-idea ta' konċiljazzjoni tal-filosofija ta' Aristotele ma' dik ta' Platun u... mal-Kristjaneżmu.[6]

Il-kuntest politiku-soċjali li wassal għar-riforma ta' Luteru

Huwa importanti li biex ikollna stampa korretta ta' dak li wettaq Martin Luteru rridu nifhmu s-sitwazzjoni li kienet fiha l-Ewropa ta' żmienu. Luteru ppubblika lista tal-95 teżi nhar il-31 t'Ottubru 1517. Illum ħafna storiċi huma tal-fehma li mhux minnu li huwa sammar il-lista ta' ilmenti u kritika mal-bieb tal-knisja tal-kastell ta' Wittenberg, imma li hu sempliċement idduvulga dawn il-punti 'jaħarqu' billi ppubblikahom sabiex ikun jista' jseħħ dibattitu teoloġiku f'ambjent akkademiku fl-Università fejn kien jgħallem.

Fil-bidu, Luteru ma kellu l-ebda intenzjoni li jinfired minn Ruma jew li joħloq knisja oħra. Ix-xewqa konvinta tiegħu kienet waħda ta' riforma, partikolarment ta' dawk l-aspetti li kienu jagħtuh wisq fastidju fil-Knisja. Dwar il-qofol ta' dawn il-punti tista' taqra materjal ieħor dettaljat f'din il-ħarġa tar-rivista. Sfortunatament, ir-riforma li beda Luteru ħadet xejra politika u kulturali. Dak iż-żmien, il-Ġermanja ma kenitx stat wieħed bħalma saret fl-1871, u mill-ġdid fl-1990. Il-Ġermanja kienet magħmula minn ħafna stati żgħar li kellhom bħala mexxejja slaten, jew prinċpijiet u nobbli oħra, isqfijiet, u f'xi każi eletturi (bħas-Sassonja u Hannover). ħafna minnha kienet parti mill-Imperu Mqaddes Ruman. Ħafna mill-mexxejja Tedeski ma kenux kuntenti bl-Imperatur Karlu V (saltan 1519-1556). Ħafna kienu jsostnu li dan l-Imperu la kien imqaddes u lanqas Ruman. Barra minn hekk, kien hemm ukoll doża ta' antipatija lejn Ruma u lejn il-Papa, speċjalment fil-kuntest tal-bejgħ tal-indulġenzi biex seta' jiġi ffinanzjat il-bini ta' bażilika ġdida f'ġieħ San Pietru. Ħafna mill-mexxejja Tedeski li semmejna ftit ilu ħadu l-opportunità tar-riforma li nieda Luteru biex, bil-mod il-mod, jinfirdu mill-ħakma tal-Imperu u mill-influwenza ta' Ruma.

[6] Dwar l-Umaneżmu, ara Vilanova, *Storia della teologia cristiana*, 42-98.

Barra minn hekk, kienu bosta l-ħassieba u mexxejja reliġjużi fi bliet oħra tal-Ewropa li sabu konfort f'dak li kien qiegħed jgħid Luteru peress li kellhom ideat jixbħu lil tiegħu fejn tidħol it-teoloġija u s-sitwazzjoni li kienet fiha l-Knisja. Għalhekk, dak li Luteru beda f'Wittenberg fejn kien jgħallem, u li sab appoġġ minn ħafna mexxejja Tedeski, sab min jaqbel miegħu f'ċentri oħra importanti madwar l-Ewropa. Peress li dawn il-mexxejja kienu spiss oraturi ta' kapaċità kbira, ġara li rnexxilhom jipperswadu mases kbar ta' nies għall-ideat tagħhom. Barra minn hekk, l-invenzjoni tal-istampar minn Guttenberg, ftit għexiren ta' snin qabel, għenet biex it-tagħlim li kien qed jitwassal mill-pulpti tal-knejjes u mill-katedri universitarji, seta' jixtered permezz ta' kitbiet mitbugħa bl-eluf. Għalhekk, l-għajta tar-riforma ġriet bħal nar jaqbad li f'tebqa' ta' għajn ħakem għelieqi sħaħ maħnuqa b'ħaxix niexef. Fost ir-riformaturi prominenti, kontemporanji ta' Luteru nsemmu lil:

*Philipp Melanchton* (1497-1560) ġewwa Wittenberg,
Ġwanni Oecolampadius (1482-1531) ġewwa Bażilea,
*Huldrych Zwingli* (1484-1531) ġewwa Zurich,
Guliermu Farel (1489-1565) ġewwa Ġinevra,
*Martin Bucer* (1491-1551) ġewwa Strasburgu, u wara f'Cambridge,

u

Tumas Cranmer (1489-1556),
Hugh Latimer (1490-1555),
u Ġwann Hooper (ċ.1495-1555), ġewwa l-Ingilterra.

Aktar tard, fuq ix-xefaq dehru wkoll nies bħal *Heinrich Bullinger* (1504-1575), ġewwa Zurich, *Ġwann Kalvinu* (1509-1564), ġewwa Ġinevra, u *Teodoru Beza* (1519-1605), ġewwa Ġinevra wkoll. Fl-Ingilterra, aktar tard, kien hemm ukoll *Nikol Ridley* (1500-1555), waqt li fl-Iskozja kien hemm *Ġwanni Knox* (ċ.1513-1572).[7]

## Movimenti ta' riforma madwar l-Ewropa fil-bidu tas-seklu sittax

Kif għadni kemm indikajt aktar 'il fuq, fl-istess żmien ta' Luteru kien għaddej minn taqtigħat spiritwali personali kbar – kif naqraw f'biografiji dwaru, l-aktar meta dawn jidħlu wkoll f'interpretazzjonijiet psikoloġiċi ta' dak li kien għaddej minnu – persuni oħra kienu qegħdin idoqqu l-qanpiena tagħhom. Dan jista' jingħad għax dawn il-ħassieba kienu qegħdin jagħmlu analiżi ekkleżjoloġika li tixbaħ lil dik ta' Luteru. L-għan ta' dan l-artiklu huwa proprju li juri li lil Luteru jeħtieġ li nifhmuh

[7] Ara Mickey L. Mattox, "Reformation", f'John Bowden, ed., *Christianity: The Complete Guide* (Londra: Continuum, 2005), 1013).

fil-kuntest tat-tentattivi ta' riforma ġejjin sa mill-bidu tas-seklu tlettax u matul is-seklu erbatax, kif ukoll ta' persunaġġi oħra kontemporanji għalih.

Waqt li kien qed jaqdi l-missjoni saċerdotali f'Einsiedeln, u aktar tard fi Zurich, Huldrych Zwingli – bħal Luteru – ħadha qatta' bla ħabel kontra d-duttrina tal-indulġenzi. Bħalma kienu għamlu oħrajn qablu, Zwingli attakka s-sistema tal-indulġenzi, imma kien favur versjoni ta' riforma mnebbħa minn l-hekk imsejħa 'filosofija ta' Kristu' mgħallma minn *Erażmu ta' Rotterdam* (ċ.1469-1536). Zwingli fittex li jġib 'il quddiem versjoni ta' riforma li riedet issaffi dawk l-aspetti kollha tal-fidi tal-Knisja u l-għamliet ta' qima li deħrlu li ma kellhomx l-għejjun tagħhom fl-Iskrittura.[8]

Filwaqt li Luteru u Zwingli fittxew li jistrieħu fuq l-appoġġ tal-awtoritajiet politiċi biex mexxew 'il quddiem l-movimenti ta' riforma rispettivi tagħhom, riformaturi oħra saħqu biex ikun hemm riformi ħafna aktar radikali. Fost dawn ir-riformaturi, insemmu lil *Indrì Carlstadt* (1480-1541), *Nikol Storch* (imwieled qabel l-1500 u miet wara l-1536) u Tumas Müntzer (ċ.1467-1525). Dan tal-aħħar eventwalment kien involut f'qawmien tal-poplu li wassal għall-Gwerra tal-Gabilloti. Inkwiet ieħor inqala' fost is-segwaċi ta' Zwingli, ngħidu aħna dwar is-sagrament tal-magħmudija. Dan wassal għall-persekuzzjoni tal-hekk imsejħa Aħwa Svizzeri, u wassal saħansitra għal ħafna mwiet vjolenti.

Fl-Ingilterra, minn kmieni inħasset l-influwenza ta' Erażmu. Umanisti Nsara, bħal *Ġwann Colet* (1467-1519) ikkontribwew biex inħoloq ambjent intellettwali u kulturali li seta' jwassal għal bidla fil-qasam tar-reliġjon. Kien ġewwa l-belt universitarja prominenti ta' Cambridge li grupp ta' ħassieba u riformaturi kienu jiltaqgħu fil-*White Horse Inn*. Fosthom kien hemm *Robertu Barnes* (ċ.1495-1540), *Hugh Latimer* (1490-1555), *Nikol Ridley* (ċ.1500-1555), *Ġwann Foxe* (1516/17-1587) u *Ġwann Frith* (1503-1533).

Il-mewġ li beda fil-Lvant tal-Ġermanja, ġewwa Wittenberg, wasal ukoll fl-Iskandinavja. *Ġwann Bugenhagen* (1485-1558) li kien mexxej reliġjuż u predikatur ġewwa Wittenberg ta s-sehem importanti tiegħu biex ir-Riforma sseħħ ġewwa d-Danimarka. In-Norveġja u l-Iżlanda, it-tnejn li huma, dak iż-żmien, parti mis-saltna tad-Danimarka, malajr ħaddnu r-Riforma. Fl-Iżvezja, l-aħwa Olaf (1493-1552) u *Lars Petri*

[8] Ara ibid., 1012.

(1499-1573), li t-tnejn studjaw ġewwa Wittenberg, kienu strumentali biex il-Moviment Riformista jilħaq dan il-pajjiż kbir, li kellu tradizzjoni Kattolika twila b'ħafna ċentri monastiċi u qaddisin magħrufa. *Mikiel Agricola* (ċ.1510-1557) wassal ir-Riforma ġewwa l-Finlandja wara li studja ġewwa Wittenberg bejn l-1536 u l-1539. Il-figura ta' Agricola hija waħda importanti ħafna għal-Luterani fil-Finlandja. Sal-lum, wieħed jista' jammira statwa kbira tiegħu fil-katidral Luteran f'Helsinki. Movimenti ta' riforma oħra kellhom ammont ta' suċċess – imma mhux fl-istess livell – fil-Polonja u artijiet oħra fiċ-ċentru tal-Ewropa.

Kien il-qawmien Kattoliku qawwi – għal ħafna sekli magħruf bħala l-Kontro-Riforma, imma dan l-aħħar magħruf b'mod aktar pożittiv bħala r-Restawrazzjoni Kattolika jew ir-Riforma Kattolika – f'nofs is-seklu sittax u wara, fittex li jgħallem b'mod effettiv il-fidi Kattolika permezz ta' mewġa ġdida ta' evanġelizzazzjoni u katekeżi. Niltaqgħu mal-pubblikazzjoni ta' Katekiżmi, bħal dak tal-Konċilju ta' Trentu, u dak ta' San Pietru Kanisju (1521-1597). Insibu t-twaqqif mhux biss tal-ewwel seminarji, imma wkoll ta' ħafna kulleġġi mmexxijin mill-Ġiżwiti madwar l-Ewropa, fosthom anke f'pajjiżna, il-Collegium Melitense (1592) fil-Belt Valletta.[9]

Huwa perjodu straordinarju fejn niltaqgħu ma' għadd kbir ta' riformaturi Kattoliċi li taw enerġija ġdida lill-Knisja billi saħħew il-pedamenti tagħha permezz tat-tagħlim u permezz ta' ħajja spiritwali meħuda b'serjetà akbar. F'dan il-kuntest, wieħed ma jistax ma jsemmix lill-*Francisco Jimenes de Cisneros (1436-1517)*, *San Injazju ta' Loyola* (1491-1556), *San Robertu Bellarminu* (1542-1621), *San Filippu Neri* (1515-1595), *San Gejtanu ta' Thiene* (1480-1547), San Pietru ta' Alcantara (1499-1562), S. Ġwann d'Avila (1499 – 1569), *Santa Tereża ta' Avila* (1515-1582) u *San Ġwann tas-Salib* (1542-1591). Dawn ukoll huma riformaturi, imma li b'fedeltà kbira lejn il-Knisja huma saffew il-Knisja u ġeddewha billi baqgħu fiha.[10]

[9] Ara Vincent Borg, "The Faculty of Theology of Malta: A Historical Sketch", f'Aa.Vv., *The Dove Homing in the Owl's Nest* (Malta: Theology Students' Association, 1989), 124-125; Id., "The Teaching of Philosophy at the Jesuit 'Collegium Melitense'", in Vincent Borg, ed., *Veterum Exempla. Essays in honour of Mgr Prof. Emeritus Joseph Lupi*, Melita Theologica Supplementary Series 1 (Malta: Faculty of Theology, University of Malta, 1991), 137-168.

[10] Ara Gianfranco Calabrese, "La teologia nella Compania di Gesù", f'*Storia della teologia*, Vol. II, 477-521; Gustavo Galeota, "La teologia controversista", f'ibid., 523-570; Gaetano Chiappini, "La teologia spirituale", f'ibid., 571-637.

Biblijografija

Bowden John, ed., *Christianity: The Complete Guide* (Londra: Continuum, 2005).

Fontana Antonio, a cura di, *Teologi* (Casale Monferrato: Piemme, 1994).

Occhipinti Giuseppe, a cura di, *Storia della teologia,* Vol. 2: *da Pietro Abelardo a Roberto Bellarmino* (Ruma u Bologna: Edizioni Dehoniane, 1996.

Vilanova Evangelista, *Storia della teologia cristiana,* Vol. 2: *Preriforma-Riforme-Controriforma* (Ruma: Borla, 1994).